MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 47/2010

**Go p.l.c.**
**(C – 22334)**

**vs**

**International Services and**
**Trading Company Limited**
**(C – 18405)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta l-hlas tas-somma ta’ elf u sbatax-il ewro u centezmu (€1,017.01), in konnessjoni mas-servizzi telefonici numri 21341785 u 21313197, skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, immarkati Dok A u B.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament, u cioe' mill-21 ta' Lulju, 2006 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf u sbatax-il ewro u centezmu (€1,017.01), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------